MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2004

Appell Kriminali Numru. 212/2003

Il-Pulizija
(Spettur M. Buttigieg)
Vs
Stephen Grima

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-21 ta' Novembru, 2002, ghall-habta tat-3.00 p.m. fi Triq Lewis Wettinger, Mellieha, saq vettura nru. HAT-723 :

1) b'manjiera traskurata;
2) perikoluza;
3) b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-

regolamenti nvolontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Anthony Attard u Tina Lombardi, skond kif iccertifikaw Dr. Alan Drago M.D. u Dr. Kevin Zammit M.D. ta' St. Luke's Hospital;
4) fl-istess incident involontarjament ikkaguna offizi ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' Ivan Carl Saliba, Eugenio Ciappara u Fiorita Maria Sammut, skond kif iccertifika Dr. Alan Drago M.D. ta' St. Luke's Hospital;
5) b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti nvolontarjament ikkaguna hsarat fuq il-vettura nru. CAK-645 ghad-dannu ta' Joseph Ciscaldi;
6) ikkaguna hsarat fuq il-vettura nru. BBK-336 ghad-dannu ta' Alfred Aquilina.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-4 ta' Novembru, 2003 li biha, wara li rat l-Artikoli 15(1)(a)(2) tal-Kap. 65, 328(d), 226 u 17 tal-Kap. 9 sabet lill-imputat hati ta' l-ewwel erba akkuzi w ikkundannatu ghall-piena ta' multa ta' mitt lira Maltin (LM100), filwaqt li ma sabitux hati tal-hames u s-sitt akkuza w illiberatu minnhom.
Ordnat ukoll li l-imputat ikun skwalifikat milli jkollu licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' tlett (3) xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-12 ta' Novembru, 2003, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tvarja w tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma l-istess fejn sabet lill-appellant mhux hati tal-hames u sitt akkuza, tirriforma l-kumplament taghha billi thassar dik il-parti fejn sabitu hati ta' l-ewwel erba akkuzi w minflok tilliberah minnhom u dana minn kull imputazzjoni w piena.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor jistghu jingabru taht il-punti segwenti w cioe' :- 1. li l-appellant qatt ma seta' jigi misjub hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu ghax fic-citazzjoni n-numru tal-vettura li kien qed isuq gie indikat erronjament bhala MAT 723 minnflok HAT 723 kif fil-fatt kien . B'dana kollu l-Ewwel Qorti warrbet u skartat din id-difiza tal-appellant ghax qalet li mill-assjem tal-provi kien jirrizulta b'mod ampju li l-vettura misjuqa mill-

appellant kienet HAT u mhux MAT , meta imkien mill-provi u xhieda prodotti ma rrizulta dan u l-ewwel darba li dan gie zvelat kien fix-xhieda moghtija mill-appellant. Inoltre il-Prosekuzzjoni naqset li titlob korrezzjoni ghal dan l-izball. 2. Li l-persuni li sofrew griehi hfief kienu hafru lill-appellant fix-xhieda taghhom u ghalhekk l-Ewwel Qorti jmissha astjeniet milli tiehu konjizzjoni ta' dik l-akkuza w tiddikjara il-procediment ezawrit ; 3. li ma gietx pruvata skond il-ligi l-imputazzjoni ta' sewqan negligenti ghax li gara kien imputabbli ghax-xita qalila li kienet niezla , il-wied tal-ilma li kien niezel fit-triq u l-ghadira ilma li kien hemm fil-kisra minn fejn kien gej l-appellant ; 4. illi dwar il-piena, jekk l-appellant kellu jinstab hati, ghalkemm il-multa tista' tidher gustifikata, mhux l-istess ghall-periodu tal-iskwalifika mill-licenzja tas-sewqan ghal zmien tlitt xhur , specjalment meta wiehed iqis il-mestier ta' mastrudaxxa li ghandu l-appellant u li jkollu bzonn il-vettura ghax-xoghol u biex iwassal lill-bintu fl-Eden Foundation tlitt darbiet fil-gimgha.

Fliet l-atti kollha processwali ;

Semghet ix-xhieda mil-gdid fil-kors tal-udjenza tal-15 ta' Jannar, 2004 ;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza ;

Ikkonsidrat .

Illi l-fatti li taw lok ghal dan l-incident kienu s-segwenti. Fil-21 ta' Novembru, 2002, ghall-habta tat-3 p.m., waqt li l-appellant kien qed isuq il-vettura HAT 723 fil-Mellieha By–Pass vicin il-liwja li minnha hemm access ghat-triq li taghti ghall-Popeye Village, il-vettura tieghu marret kompletament "wrong side" u habtet mall-vettura CAK 645 u anki kkagunat hsara f' vettura ohra numru BBK 336 . F' din il-habta wegghu hafif Ivan Carl Saliba, Eugenio

Ciappara u Fiorita Maria Sammut u wegghu gravi Anthony Attard u Tina Lombardi . L-appellant fix-xhieda tieghu spjega li kien ghadha kif spiccat ix-xita u kien hemm ilma niezel fit-triq . Hu kien isuq fuq il-lane ta' gewwa b' xi 30 kfs. u fuq il-"fourth gear" . Fid-daqqa u l-hin malli beda' l-liwja qiesu il-vettura tieghu ma kellux kontroll fuqha. Ma jafx kif spicca fuq in-naha l-ohra . Jahseb bix-xita. Qiesu tilef il-kontroll malli beda' l-liwja . Ma kellu ebda intenzjoni li jmur fid-direzzjoni tal-Popeye Village ghax hu kien sejjer il-fiera tal-ghamara fin-Naxxar.

Illi dwar l-ewwel aggravju jidher li dan hu bazat fuq il-fatt li fil-waqt li rrizulta li l-vettura li kien qed isuq l-appellant kellha n-numru ta' registrazzjoni HAT-723, fil-komparixxi n-numru nghata bhala MAT-723. Issa minn ezami tal-komparixxi ma jidhirx li dan hu korrett . Ghalkemm it-tipa tal-ittra "H" mhux ghal kollox cara u hi ftit imzellga , pero' jekk wiehed jarha kontra d-dawl, jidher car li l-ittra li giet iddattilografata fuq il-komparixxi originali li hemm fil-process hija "H" u mhux "M" kif qed jallega l-appellant . Ghalhekk bhala fatt ma jidher li kien hemm ebda zball fin-numru tal-vettura misjuqa mill-appellant u konsegwentement dan l-aggravju li jissemma w gie elaborat fil-paragrafi enumerati 1 sa 5 tal-aggravji huwa nfondat bhala fatt . Ghalhekk sija pure ghall-motivi differenti minn dawk moghtija mill-Ewwel Qorti din l-eccezzjoni qed tigi respinta minn din il-Qorti.

Illi dwar it-tieni aggravju li l-Ewwel Qorti jmissha ddikjarat il-procediment ezawrit fuq ir-raba' imputazzjoni , ghax il-persuni li sofrew il-feriti ta' natura hafifa kienu hafru lill-appellant u konsegwentement irrinunzjaw ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tieghu , dan jidher fondat biss in parti ghaliex fil-waqt li anki quddiem din il-Qorti , x-xhieda Eugenio Ciappara w Fiorita Maria Sammut hafru lill-appellant, mhux l-istess ghamel ix-xhud Ivan Carl Saliba . Ghalhekk l-Ewwel Qorti xorta setghet issib lill-appellant hati tar-raba imputazzjoni in kwantu din kienet tirriferi biss ghall-feriti ta' natura hafifa riportati minn Ivan Carl Saliba u se mai kellha tiddikjara l-procediment ezawrit biss fil-konfront tal-persuni ta' Eugenio Ciappara w Fiorita Maria Sammut.

Illi dwar il-mertu w l-htija ghall-kollizzjoni ,kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta , jekk sewqan hux (i) **negligent**i ; jew (ii) **bla kont** jew (iii) **perikoluz** hi kwistjoni ta' "**degree**". (App.Krim**. Pul. vs. Charles Bartolo** [14.3.59] ; **Pul. vs. Wilson** [Vol. XXXIX p. 1018] u **Pul. vs. Alfred Vella** [Vol. XLIV ; p. 933] ) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom (App. Krim. **Pul. vs. Hardingham** , [19.10.1963]) . Gie ukoll ritenut li biex jintegra ruhu ir-reat ta' sewqan perikoluz , hemm bzonn ta' certu grad ta' "recklessness" (App. Krim. **Pul. vs. Charles Farrugia** [Vol.XXXIX p. 1018].) "Recklessness" giet defenita bhala "*wilfully shutting one's eye"* (App. Krim. **Pul. vs. Joseph Aquilina** , [20.4.1963] ) . Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim**. Pul. vs. Antonio Spiteri** , [Vol. XLIV , p.892] )

Issa anki jekk kien minnu li l-appellant meta gie fil-liwja fil-bazi tat-tela tal-By-Pass u vicin il-"junction" mat-triq li taghti ghall-Popeye Village mall-lemin tieghu, seta' sab wied ta' ilma niezel igelgel fit-triq mix-xita li kienet ghadha kif nizlet u anki jekk kien hemm xi ghadira ta' ilma f' dik il-parti tat-triq , dan zgur li ma kienx jiggustifikah li jmur fuq in-naha opposta tat-triq u b' hekk jinvadi il-karreggjata li minnha kien niezel u gej traffiku gej mill-faccata . L-appellant "in all fairness" ma jghidx li ghamel hekk ghal tal-apposta , pero' fix-xhieda tieghu ma setax jispjega kif sab ruhu fuq in-naha l-hazina tat-triq u ma ta ebda spjeggazzjoni plawsibbli ghal dak li gara.

Issa kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. James Abela**" [11.7.2002] fejn din il-Qorti ccitat b'approvazzjoni sentenza ohra tal-istess Qorti diversament preseduta fl-appell kriminali "**Il-Pulizija vs. Claudia Camilleri** " [15.11.1996.] "il-fatti – inkluzi il-provi indizjarji – *"circumstantial evidence"* jistghu ikunu tali li l-gudikant ihossu moralment konvint li jista' jigbed certi konkluzzjonijiet minn dawk il-fatti …dak li fid-dottrina Ingliza jissejhu "*presumptions of fact*" . These are all inferences which may be drawn by the tribunal of fact."

Din il-Qorti proprju ghamlet dawn il-“presumptions of fact” li johorgu mid-dinamika tal-incident. Huwa risaput li meta vettura tkun qed tinsaq f’ kurva jew liwja lejn ix-xellug , il-forza centrifuga tispingiha lejn il-lemin tangenzjalment il barra mid-direzzjoni li tkun qed issegwi u vice versa. Din il-forza centrifuga tinhass minn kull sewwieq f’ liwja meta jhoss il-karozza tigbidlu ‘l barra kontra d-direzzjoni li hu jkun qed idur jew jikser fiha. Din il-forza tikber in proporzjon mall-momentum tal-vettura . Wiehed mill-komponenti tal-“momentum” hija l-velocita’ . Di fatti aktar ma wiehed isuq b’ velocita gholja aktar ser tikber il-forza centrifuga w aktar u akbar irid ikun l-isforz li jaghmel is-sewwieq fuq l-steering biex izomm il-vettura “on course” . F’ din l-“equation” jidhol ukoll il-fattur tar-“road holding capabilities” ta’ kull vettura individwali kif ukoll il-kondizzjoni tas-superficje tat-triq . Altru triq xotta u lixxa, altru triq imharbta jew imxarrba jew tizloq . Insomma meta sewwieq ikun qed idur ma liwja, kif kien qed jaghmel l-appellant, qabel ma spicca fuq in-naha l-hazina tat-triq, irid jiehu dawn il-fatturi kollha in konsiderazzjoni w jiehu l-prekawzjonijiet necessarji biex izomm il-vettura tieghu milli tmur “out of control” , tenut kont tar-“road holding capabilities” tal-vettura li jkun qed isuq, il-fatturi ambjentali tal-mument bhal ghamla w kondizzjoni tat-triq, fatturi klimatici, eccetera .

Issa bil-mod li l-vettura tal-appellant harget barra mill-kontroll tieghu hu ovvju li l-appellant ma gharafx li jiehu l-prekawzjonijiet kollha rikjesti mill-fatturi ambjentali tal-mument inkluzi il-liwja, l-ilma u l-ghadira li kien hemm fit-triq u li dan in-nuqqas fis-sewqan tieghu kien il-kawza unika tas-sinistru. Pero’, fil-fehma tal-Qorti w fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata , il-grad tas-sewqan hazin tieghu ma jirrizultax li kien tali li jaqa’ taht il-grad aktar gravi ta’ sewqan perikoluz . Kien jikkonsisti biss f’ nuqqas ta’ prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali w ergo kien jammonta biss ghal sewqan b’ manjiera traskurata w mhux ukoll sewqan b’ manjiera perikoluza. Ghalhekk it-tieni imputazzjoni ma tirrizultax pruvata. Inoltre l-ewwel imputazzjoni hija assorbita fit-tielet

u fir-raba imputazzjoni ghal-fini ta’ piena a tenur tal-artikolu 17(h) tal-kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi ghar-rigward tat-tielet aggravju dwar il-piena , il-konkluzzjoni fuq raggunta dwar il-htija trid bil-fors tigi riflessa f’piena aktar miti minn dik moghtija mill-Ewwel Qorti .

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell limitatament u hekk tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati tal-ewwel u tat-tielet imputazzjoni w mhux hati tal-hames u s-sitt imputazzjonijiet u minnhom illiberatu w tirrevokaha fejn sabet lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni ta’ sewqan perikoluz , fejn sabet lill-appellant hati tar-raba’ imputazzjoni w cioe’ talli fl-istess incident involontarjament ikkaguna offizi ta’ natura hafifa fuq il-persuni ta’ Ivan Carl Saliba , Eugenio Ciappara u Fiorita Maria Sammut u fejn ikkundannatu ghal multa ta’ mitt lira Maltin u inoltre skwalifikatu milli jkollu jew jottjeni licenzji tas-sewqan ghal zmien tlitt xhur u minnflok ma ssibux hati tat-tieni imputazzjoni u minnha tilliberah , issibu hati tar-raba imputazzjoni biss in kwantu din tirriferi ghall-feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Ivan Carl Saliba w tiddikjara l-procediment ezawrit stante rinunzja tal-azzjoni kriminali fil-konfront tal-persuni ta’ Fiorita Maria Sammut u Eugenio Ciappara u tikkundannah ghall-multa ta’ hamsin lira Maltin (LM50) u tiskwalifikah milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghall-periodu ta’ tletin (30) jum li ghandu jibda jiddekorri minn nofs il-lejl tal-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------